MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2003

Numru 8/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Elvin Abela**

Il-Qorti,

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 8 tas-sena 2003, kontra l-akkuzat Elvin Abela, li bih huwa gie akkuzat talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li sal-bidu ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn, Elvin Abela u George Mangion kien ilhom miksurin minn ma' xulxin, u ta' sikwit kellhom argumenti fuq haga jew ohra li spiss kienu jinfexxu fi vjolenza fizika. Fid-disgha ta' Ottubru tal-imsemmija sena 2002, huma kien ghad kemm kellhom argument shun u jahraq xi jiem qabel, u Elvin Abela kien halef bejnu u bejn ruhu li jsib l-opportunita' li joqtol lil George Mangion.

Dakinhar tal-ghodwa tad-9 ta' Ottubru, 2002, f'xi s-seba w nofs, George Mangion wasal bil-karozza tieghu fil-parking

area ta' fejn kien jahdem, u cioe' CRC Components Limited fl-Industrial Estate tal-Marsa. Qabel ma lahaq ipparkja lemah lil Elvin Abela fil-karozza tieghu Fiesta vann ta' kulur griz metallic fin-naha ta' fuq tat-triq. Kif Mangion kien ipparkja, nizel mill-karozza u mexa madwar hmistax-il pied, sema l-karozza ta' Elvin Abela tirrejsja. Kif dar jara lil Abela gej isuq sparat ghal fuqu. Mangion resaq lura qalb il-karozzi sabiex jiskansa lilu nnifsu. Elvin Abela ghalhekk irriversja u rega' pprova jsuq ghal fuq Mangion. Din il-manuvra, Abela ghamilha tlett darbiet konsekuttivi. Meta Abela ra li ma setax jilhaq u jolqot lil Mangion bil-karozza, nizel mill-karozza b'sikkina f'id wahda u pajp tal-hadid twil tlett piedi f'idu l-ohra. Abela beda jigri lejn Mangion filwaqt li kien qieghed jindirizzalu kliem bhal "ejja ha noqtqok" u "ejja ha nxoqqok". Mangion kif ra hekk, kompla jipprova jiskansa lilu nnifsu mill-attakk omicida ta' Abela billi jisserpenta u jinheba wara xi karozzi pparkjati fil-vicin. Elvin Abela kompla jigri warajh, u f'hin minnhom kwazi lahqu meta wasal vicin il-karozza ta' Mangion, tant li b'rabbja ta daqqa ta' pajp fuq il-bagoll tal-karozza ta' Mangion.

Kien hawn li Abela rega' dahal fil-karozza tieghu bil-ghan li jerga' jipprova jsuq sparat ghal fuq Mangion bil-hsieb li joqtlu, izda fil-pront u fl-agha ta' dak il-hin, hargu xi impjegati inkluz l-imghallem innifsu li pprocedew sabiex izommu u jiffermaw lil Abela. George Mangion, mimli biza ghall-hajtu, harab minn fuq il-post sabiex jiddenunzja l-akkadut lill-Pulizija u mbaghad kompla jirrikovera ruhu fid-dar ta' missieru.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Elvin Abela sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Elvin Abela hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li

joqtol persuna jew bil-hsieb li jqiegħed il-hajja taghha f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija minn seba snin sa’ tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat;

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li kif inghad fil-fatti allegati taht il-kap precedenti, nhar id-9 ta’ Ottubru, 2002, gewwa l-Marsa Industrial Estate, filwaqt li Elvin Abela kien ghaddej bl-esekuzzjoni tal-hsieb u intenzjoni tieghu li joqtol lil George Mangion, u dan billi jinsegwih qalb serbut ta’ karozzi pparkjati, kien hemm mument minnhom meta Abela wasal biswit il-karozza pparkjata ta’ Mangion u volontarjament ta daqqa fuq il-bagoll tal-istess vettura b’pajp tal-hadid li kellu f’id wahda. Bhala konsegwenza kkagunalu hsara fl-istess vettura Hyundai Stellar numru HAF-595 f’ammont ta’ cirka mija u erba u erbghin Lira Maltin (Lm144).

Illi b’eghmilu, l-imsemmi Elvin Abela sar hati ta’ hsara volontarja li jiskorri l-hamsin Lira Maltin.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali f’isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Elvin Abela hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, f’ammont li jiskorri l-hamsin Lira Maltin (Lm50).

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija minn hames xhur sa’ sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat;

3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta dejjem li fid-9 ta' Ottubru tas-sena 2002, gewwa l-Marsa Industrial Estate, filwaqt li Elvin Abela kien qieghed jaghmel sensiela ta' atti bil-hsieb li joqtol lil George Mangion, u dana billi diversi drabi f'hinijiet differenti ta' dik l-ghodwa pprova jsuq b'mod goff u perikoluz lejn id-direzzjoni ta' Mangion, huwa kien qieghed isuq il-vettura tieghu Ford Fiesta numru EAH-317 b'manjiera ferm perikoluza bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku u, fuq kollox, b'periklu ghall-inkolumita' ta' persuni ohra impjegati, fosthom Kevin Tabone u Etienne Ciappara, li nzertaw fil-vicinanzi fil-hin hi huwa kien qieghed jikkommetti dan id-delitt.

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Elvin Abela sar hati talli saq motor-car b'mod perikoluz.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Elvin Abela hati talli saq motor-car b'mod perikoluz.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' multa ta' mhux izjed minn mitt Lira Maltin jew tal-prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur, flimkien mal-iskwalifika tal-hati milli jkollu jew milli jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15(1)(a)(2) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u fir-Regolamenti tal-Avviz Legali numru 128 tal-1994, u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, 30 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz ta' Dr. Frank Cassar ta ruhu notifikat bl-avviz u rrinunzja ghal kull terminu legali favur tieghu w ddikjara li l-kawza setghet tibda fis-seduta tallum u li bih ezenta lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza;

Rat  illi waqt is-seduta tallum, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza , wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-akkuzat  baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati ;

Tiddikjara ghalhekk lil Elvin Abela hati talli fid-9 t'Ottubru, 2002, f'xi 7.30 a.m., fil-parking area tal-kumpanija CRC Components Ltd fl-Industrial Estate, tal-Marsa, ikkommetta tentattiv ta' omicidju volontarju ta' George Mangion u cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li qieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll hati talli fl-istess jum, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli f'ammont li jiskorri l-hamsin lira Maltin (LM50) u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll talli fl-istess jum, hin u lok sar hati li saq motor-car Ford Fiesta numru EAH-317 b'mod perikoluz u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet ix-xiehda ta' missier l-akkuzat Anthony Abela dwar il-piena w partikolarment dwar il-karattru kwiet u gwejjed tal-akkuzat u l-antecedenti ta' dan l-incident ;

Rat li l-akkuzat obbliga ruhu li fi zmien gimgha millum ihallas d-danni kollha fl-ammont ta' mija w erba w erbghin liri Maltin u disa w sebghin centezmu (LM144. 79c) lid-danneggjat George Mangion ghal hsara li hu kkaguna fil-vettura Hyundai Stellar HAF-595;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Rat il-verbal tal-abbli Prosekutur Dr. Mark Said, fejn iddikjara illi t-Tielet Kap. ghal fini tal-piena jista jigi assorbit fl-Ewwel Kap skond l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9;

Qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta’ dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b’hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara “Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Nicholas Azzopardi”, Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; “Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa”, Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll favur il-hati l-eta’ w l-kondotta incensurata tieghu kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjoni tal-abbli Difensur li kien hemm provokazzjoni sistematika da parti ta’ Mangion fuq firxa twila ta’ snin kif ukoll li lejliet l-incident inkwistjoni l-hati kien gie mweggha fil-kors ta’ incident iehor li kellu fuq il-post tax-xoghol ma’ l-istess Mangion kif ukoll il-fatt illi l-hati kkoppera mal-Pulizija u ghamel stqarrija;

Rat l-artikoli 17(b)(h), 41(1)(A), 31, 211, 23, 20, 22, 325 (1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali w l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti ta’ l-Avviz Legali numru 128 tal-1994, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali stante r-ragunijiet specjali tal-kaz konsistenti fl-antecedenti kollha t’attrit kontinwu fuq firxa ta’ snin li wasslu biex finalment gew kommessi dawn ir-reati;

Tikkundanna lill-hati Elvin Abela ghall-piena ta' sitt snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum u invista tal-fatt li ma kienx hemm spejjes ta' perizji mhux il-kaz li jigi applikat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 invokat mill-Prosekuzzjoni fl-Att ta' l-Akkuza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------